MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Alan Grima, iben Anthony,
imwieled Pieta' fis-26 ta'
diċembru, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-18 ta' novembru, 2001, għal ħabta tal-10.30 p.m., ġewwa Triq il-Kbira, Żabbar, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioe' serq mill-bini tal-M.U.S.E.U.M., wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u li kieku seħħ, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' tieqa tal-persjana, liems

ħsara tiskorri l-għaxar liri maltin iżda ma teċċediex il-ħamsin liri maltin, għad-dannu tas-soċjeta' tal-M.U.S.E.U.M.

rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' april, 2003 fejn il-partijiet qablu li d-danni li għamel
l-imputat huma ta' mitejn liri maltin (Lm200).

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' april, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(b) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti
tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Inoltre, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446
tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' mitejn liri maltin (Lm200) danni lis-soċjeta' M.U.S.E.U.M. fi żmien sitt xhur mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------